KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

**Minuti tas-Sitta u Hamsin (56) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq**

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 56 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgha, 15 ta' Gunju 2016 fis-6.00pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

**L-AMBAXXATRICI TAZ-ZGHAZAGH SARAH BONNICI -skuzata**

Is-Sitta u Hamsin (56) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 56/2016 - Gunju 2016
   B. Petty Cash – Gunju 2016

3. Approvazzjoni tar-Rapport Finazjarju Ottubru – Dicembru 2015

4. Financial Statements 2015

5. Korrispondenza

6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

7. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

8. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 55 li nzammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 55 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Rigward il-festa ta' San Guzepp, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ingiebu zewg mobile toilets, kif ukoll 6 wardens is-Sibt u 2 il-hadd. Saret sorveljanza kemm mill-wardens u kemm mis-Sindku rigward il-gabbani armati fil-Festa fejn jidher li ma thalla l-ebda hmieg ghaldaqstant il-Kunsill qabel li d-depozitu tal-gabbani ghandu jinghata lura. Rigward it-toroq maghluqin fil-festi, il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li ghal festi ohrajn ghandha tintbaghat ittra lir-residenti li t-toroq taghhom se jkunu maghluqin biex dawn ikunu infurmati. Dwar dan il-Kunsill qabel.

1.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 55. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 55 gew approvati unanimament.

2. **<u>Approvazzjoni tal-Hlasijiet:</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 56/2016 – Gunju 2016***

2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 56-2016 bic-cekkijiet numru 5204 sa 5242 li tammonta €23,222.58
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Miriam Schembri

2.2 L-iSkeda ta' Pagamenti numru 56-2016 giet approvata unanimament.

3. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju: Ottubru – Dicembru 2015**

3.1 L-accountant tal-Kunsill ma baghatx ir-rapport imsemmi

4. **Financial Statements 2015**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-avukat tal-Kunsill baghat zewg korrispondenzi lill-accountant tal-Kunsill fejn inghata l-ahhar twissija biex jibghat id-dokumenti kollha. Izda dan xorta ma tax widen u ghaldaqstant il-Kunsill se jkollu jiehu passi legali.

5. **Korrispondenza**

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Perit ghadu ma baghatx l-*evaluation report* tat-tenders. Il-Kunsill qabel li jiehu decizjoni fuq it-tender ta' Triq il-Milwa. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ghal darbohra l-iskeda ta' rati ghal tender GHLC/T/02/2016 fejn l-

orhos offerta hija ta' Schembri Infrastructures Ltd. Is-Sindku Darren Abela fakkar li il-Kunsill ghad ghandu kwistjoni pendenti rigward xoghol fi Triq ir-Rebbiegha li ma sarx sewwa mill-kuntratturi imsemmija. Minkejja li kienu avvicinati, din il-kwistjoni baqghet ma gietx rimedjata. Ghaldaqstant is-Sindku Darren Abela ippropona li tinghazel it-tieni offerta vantaggjuza, dik ta' SM Contractors Ltd. bil-valur ta' €24,963.17 Il-Kunsill approva unanimament.

5.2 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex isir zwieg iehor fil-Kunsill Lokali fil-15 ta' Ottubru 2016.

5.3 Gejna infurmati permezz ta' korrispondenza mit-TM li s-Sur Michael Cohen inhatar ko-ordinatur tal-Kunsill mat-Transport Malta.

5.4 Rigward il-kwotazzjoni tas-Sur Francis Bonnici dwar Tindif Triq l-Andar, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se johrog l-ewwel pagament ta' €780 dwar xoghlijiet li saru fl-2014. Il-Kunsill approva li jinhareg il-pagament.

5.4 Tressqu xi applikazzjonijiet tal-MEPA:
(a) PA/02280/16: Internal alterations f'94 Triq il-Hannieqa, Ghaxaq
(b) PA/02222/16: Kostruzzjoni ta' pool, garage, gazebo, canopy u ohrajn f'art privata f'Has Saptan.
© PA/04351/15: Applikazzjoni approvata ghal bini Class 5A fi Il-Maghqad, Ghaxaq
(d) EC/00280/16: Avviz ta' infurzar dwar depozitu ta' materjal fi Triq il-Gistakor.
(E) PA/02068/16: Twaqqigh ta' bungalow u bini ta' garxxijiet u appartamenti fi Triq is-Settembrina k/m Triq G.Scicluna
(f) PA/02011/16: Bdil fil-faccata fi Triq Santa Marija, Ghaxaq

5.5 Il-Kunsill ircieva l-agreement rigward il-haddiema li issa gew impjegati mal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li il-Kunsill ser ikun qieghed jiddelega x-xoghol lil haddiema tal-Kunsill u jara li l-haddiema qed jaghtu x-xoghol u l-hin bizzejed. Il-haddiema huma intitolati ukoll ghal performance bonus jekk il-Kunsill jaqbel li ghandu jinghata. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret li minhabba li s'issa il-Kunsill ghadu ma inghata l-ebda fond addizzjonali ghal dan il-ghan, ghandu jkun il-Kunsill li jiddeciedi in vista ta' din is-sitwazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li bhala xoghol li jigi assenjat lilhom qed tinghata lista mis-Sindku li din tigi ddelegata lill-haddiema. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li jekk dawn il-haddiema mhux jaghtu bizzejjed hin u xoghol, huwa inutli li ghandna dan l-ammont kbir ta' haddiema. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li hemm bzonn iktar dixxiplina dwar min qed jabbuza u hawnhekk il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm il-htiega, is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tiehu dawn il-passi necessarji. Is-Sindku qal li jekk xi hadd mill-Kunsilliera jista jiehu r-responsabilita' li jgorru maghhom dawn il-haddiema, hu lest li jiddelegahom, izda sadanittant huwa se jibqa jiehu hsieb dawn il-haddiema u jiffirma l-kuntratt mal-kumpanija.

5.6 Tressqet korrispondenza rigward pubblikazzjoni ta' kotba godda dwar l-ilsien malti. Il-kotba qeghdin bi prezzijiet imrahhsin. Il-Kunsill qabel li jixtri l-volumi kollha.

5.7 Il-Kunsill ircieva kont rigward zbir ta' sigar li sar fil-housing estate, fejn is-Sindku kien kellem lil Vincent Caruana biex isir. L-ispiza ammontat €413. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li huwa ferm importanti li qabel isir xi xoghol tintalab stima. Is-Sindku qal li dwar dan kien hemm stima sentejn ilu, izda s-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma sabitix. Il-

Vici Sindku Emanuel Vassallo kif ukoll il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-ispiza hija gholja, ghaldaqstant il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li jinghaddu kemm hemm sigar fil-Housing Estate u Gnien Elfejn u nqabbluha mal-kwotazzjoni prezenti. Dwar dan il-Kunsill qabel.

5.8 Il-Kunsill ircieva ukoll kont minghand Bjorn Vassallo rigward xoghol fuq aluminium fil-Berga li tammonta €200. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ta' din ma inghatatx stima. Il-Kunsill qabel li la x-xoghol sar ghandu jithallas izda li kull meta jsir kwalunkwe xoghol ghandha dejjem tintalab stima. Il-Kunsill qabel li ghal din id-darba johrog il-pagament.

5.9 Tressqet korrispondenza rigward opportunita ta' esperjenza ta' xoghol klerikali fil-Kunsill bejn il-21 u l-25 ta' Novembru 2016 lil studenti mill-Kullegg San Benedittu. Il-Kunsill qabel.

5.10 Tressqet korrispondenza minghand V18 rigward pjan sabiex issir ikla f'lokalitajiet differenti f'Malta. Il-V18 jistghu joffru 18 –il kok, ingredjenti u anki ghajnuna logistika. F'din l-attivita' jistghu jippartecipaw l-Ghaqdiet tal-lokal. Il-Kunsill qabel li jippartecipa.

**6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

6.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill pjanta ta' Dawret Hal Ghaxaq fejn informa lill-Kunsill li il-progett tal-Bypass se jibda dalwaqt mit-Transport Malta. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo kif ukoll il-Kunsillier Keith Fenech talbu li l-Kunsill jinghata pjanta dettaljata tal-progett propost li jsir.

6.2 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill rigward is-sinjali ta' Triq Garakol fejn qal li saret talba ufficcjali.

6.3 Is-Sindku Darren Abela ippropona li jitwahhlu tabelli ta' toroq li jinfdu go Ghaxaq Bypass. Il-Kunsill qabel

6.4 Is-Sindku Darren Abela l-iitra biex tintbaghat lil bejjiegh tal-haxix, fejn talab li tinghata *by hand* minn xi had mill-Kunsilliera. Fl-ittra il-bejjiegh tal-haxix intalab jiehu zewg parkeggi minflok erbgha meta jipparkja biex ibiegh. Il-Kunsilliera Rose Agius, Keith Fenech, u Miriam Schembri ma qablux li tintbaghat din l-ittra minhabba li ma jhossux li qed ikun hem xi tip ta' inkonvenjent min-naha ta' dan il-bejjiegh. Ghaldaqstant l-ittra giet revokata.

6.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-htiega ta' bandli temporanji fuq Santu Rokku minhabba l-istat hazin tal-bandli ezistenti. Il-Kunsill qabel li jinxtraw is-*seats* biex jinbidlu.

6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba ghal Sleeping police fi Triq id-Dejl ma Triq il-Hareb, Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lit-TM.

6.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-ammont ta' skart li hemm fl-ghalqa li l-Kunsill jarmi fiha. Il-Vici Sindku qal li din l-ghalqa ghandha tinzamm dejjem maghluqa Rigward ir-rimi tal-materjal, is-Sindku qal li se jgib kwotazzjonijiet sabiex titnaddaf.

6.8 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar hajt perikoluz tas-sejjieh fi Triq in-Narcis, fejn qal li se jkellem lill-haddiema tal-Kunsill biex jitranga. Rigward il-problema tad-dawl fl-istess triq il-Vici Sindku ippropona li jitwahhal arblu fil-kantuniera tat-triq fejn titwessa ftit il-bankina u l-arblu jsir mal-kurduna. Dwar dan il-Kunsill qabel li ghandha tingieb kwotazzjoni.

## 7. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius fakkret dwar il-hofor li thaffru ghall-arbli fil-Pjazza sabiex jintlew minhabba li jistghu ikunu perikoluzi. Is-Sindku Darren Abela qal li se jibghat il-haddiema.

7.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li s-sigar tal-bypass ma nzabrux kollha inzabru u hemm bzonn li jinzabru.

7.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsta lis-Sindku Darren Abela jekk sarx jaf min taha l-konkos fi Triq Ta’ Kalamija. Is-Sindku Darren Abela qal li qed jiccekja fuqha.

7.4 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet rigward il-bollards fi Triq l-1 ta’ Jannar li ma gewx approvati mit-TM. Il-Kunsilliera Rose Agius talbet li tinbaghat ittra lil persuna li ressqet it-talba sabiex tigi infurmata.

7.5 Is-Sindku Darren Abela ippropona li jibghat il-haddiema tal-Kunsill jirrangaw il-bankini ta’ Triq Habb il-Qamh, Triq Fidloqqom u Triq San Filippu.

7.6 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ippropona li il-Monument tal-Ghannej jista jsir ukoll fejn hemm il-Monument tal-Helsien. Is-Sindku qal li se jkellem lil min qed jiehu hsieb.

7.7 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ippropona li jitwahhal dustbin fejn in-nicca tal-Madonna tal-Karmnu.

7.8 Il-Kunsilliera Miriam Schembri talbet li terga tintbaghat ittra lir-residenti tal-flettijiet sabiex l-iskart ma jinharigx fejn l-iskips u nergghu infakkru lill-kuntrattur biex jidhol jigbru minn quddiem il-bieb taghhom.

## 8. Aggornament tal-Laqgha

8.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta’ Lulju 2016 fis-6.00pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |